KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa

## SITT LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 84

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-*Town Centre*, Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa fis-7:15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dott. Daniel John Attard – Sindku
Antoine Vella – Viċi Sindku
Simon Paul Fenech – Kunsillier
Anthony Mifsud – Kunsillier
Helen Bugeja – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Daniel Attard ppresjeda l-laqgħa.

## 84.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji

84.1.1 Ma kienx hemm ittri ta’ apoloġija.

## 84.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

84.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

84.2.2 Il-Kunsillier Vella propona li dawn jiġu approvati filwaqt li s-Sindku ssekonda. Kien hemm qbil b’mod unanimu fost il-Kunsilliera preżenti u l-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

84.2.3 Hawnhekk waslet il-Kunsillier Bugeja. Il-ħin kien is-7:30pm.

## 84.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

84.3.1 Is-Sindku staqsa lis-SE jekk kienx hemm xi zvilupp dwar l-isqaq bejn Triq Dar il-Kaptan u Triq il-Konti Salv Manduca. Is-SE infurmat li kienet bagħtet *email* lic-*Chairman* u bagħtitlu anke *reminders* però sal-ġurnata kien għadu ma tahiex risposta. Il-Kunsill qabel li s-SE għandha tinfurmah li l-Kunsill kien se jieħu ħsieb jagħtih il-konkos u wara nitolbu għal rifuzjoni.

84.3.2 Is-Sindku talab lis-SE sabiex tgħaddilu r-rapport li kellha tħejji sabiex issir talba oħra għal ATM.

84.3.3 Is-Sindku staqsa lis-SE sabiex tindikalu n-numru ta’ parkeġġi ġodda li ġew immarkati matul l-aħħar sena u dawk li kienu se jizdiedu bil-proġett tar-riġenerazzjoni tal-pjazza.

84.3.4 Is-Sindku informa li kien xieraq li jingħata ktejjeb bħala ringrazzjament lil kull min kien aċċetta li jkun parteċipi fuq il-*photobook* li ppubblika l-Kunsill. Kien hemm qbil li din għandha tinzamm nhar il-Ħamis 20 ta’ Diċembru fis-6pm, ezattament qabel il-laqgħa tal-Kunsill.

84.3.5 Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li l-attivitajiet tal-Milied isiru kif ġej: festin tat-tfal nhar it-13 ta’ Diċembru waranofsinhar. Fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku kien hemm qbil li jiġu mistiedna t-tfal tal-*creche*; ikla tal-komunità nhar il-15 ta’ Diċembru; ħarġa għall-presepju t’Għawdex nhar it-12 ta’ Diċembru, u festin għall-anzjani nhar is-27 ta’ Diċembru.

84.3.6 Is-Sindku informa li l-Kunsill kien irċieva kommunikazzjoni mill-MAGF fejn dawn kienu qed jinfurmaw lill-Kunsill li kienu qed jerġgħu jiftħu l-applikazzjonijiet għall-fondi fuq zoni rurali. Kien hemm qbil li ssir applikazzjoni għall-fondi biex issir walkway minn Triq is-27 ta’ April għall-pjazzetta ta’ fejn hemm l-istatwa ta’ San Nikola.

## 84.4 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju ta’ Kull Kwart (Lulju-Settembru 2018)

84.4.1 Is-SE infurmat li kienet għaddiet kopja tiegħu permezz tal-*email*.

84.4.2 Ir-rapport finanzjarju ġie approvat u ffirmat mis-SE u mis-Sindku.

## 84.5 L-Offerta tar-restawr tat-torri tal-arloġġ

84.5.1 Is-SE infurmat li l-ebda offerent ma kien tefa' offerta għar-restawr tat-torri tal-arloġġ u għaldaqstant din l-offerta kienet se terġa' tinħareġ.

84.5.2 Hawnhekk wasal il-Kunsillier Mifsud. Il-ħin kien it-8:00pm.

84.5.3 Is-SE infurmat li kienet f'kommunikazzjoni mal-*Project Coordinator* u mal-Periti tal-Kunsill sabiex possibbilment dan it-*tender* jerġa' jinħareġ mill-ġdid u jkun maqsum f'lots minflok sħiħ. Barra minn dan, talbet ukoll il-permess tal-Kunsill biex il-proċess ikun aċċellerat u għaldaqstant jingħata inqas zmien biex wieħed jitfa' l-offerta tiegħu. Kien hemm qbil ma' dan kollu u li l-perjodu li fih tkun miftuħa l-offerta jkun ta' madwar 20 ġurnata.

84.5.4 Sadanittant infurmat li kienet għaddejja b'laqgħat u korrispondenza dwar iċ-ċentru tal-interpretazzjoni, liema xogħol fuq il-BOQ kien wasal ukoll lejn l-aħħar tiegħu u kienet qed tispera li sal-aħħar ta' Novembru, ikun ġie ppubblikat dan it-*tender* ukoll.

## 84.6 CCTV Cameras

84.6.1 Is-SE infurmat li kellha talbiet biex issir *CCTV Camera* ġdida fejn il-kamra tal-periti minħabba l-abbuz tal-iskart.

84.6.2 Għalkemm is-sE ġibdet l-attenzjoni li l-offerta tal-*interpretation centre* kienet tinkludi 8 *CCTV Cameras* mad-dawra tal-binja kollha, xorta waħda kien hemm qbil li s-SE għandha tagħmel l-arranġamenti neċessarji biex din issir.

84.6.3 Il-Kunsillier Vella talab ukoll li s-*CCTV camera* li hemm imwaħħla mal-kolonna ta' Dar Kenn għal Saħħtek tiċċaqlaq u tiġi fuq pannella solari isfel nett ta' Triq l-Imtarfa, tħares lejn Triq Theuma Castelletti u tizdied *camera* oħra li tagħti għal fuq l-entratura ta' Binja Msieraħ.

## 84.7 L-attività tal-Imdina Grand Prix (12-14 ta' Ottubru 2018)

84.7.1 Is-SE infurmat li kienet għaddiet kopja ta' ittra li l-Kunsill irċieva min-naħa tal-Kunsill Lokali tar-Rabat fir-rigward tal-attività fejn dawn kienu qed jitolbu lill-organizzaturi sabiex isibu post alternattiv mis-sena d-dieħla 'l quddiem.

84.7.2 Il-Viċi Sindku informa li hu kien għen ħafna biex din is-sena l-attività tkun organizzata aħjar mis-soltu però minħabba li kienet bdiet niezla x-xita kienu waqgħu xi ċnut fit-triq taċ-Chadwick Lakes u nqalgħu ħafna problemi oħra.

84.7.3 Kien hemm qbil li l-Kunsill m'għandux jieħu deċizjonijiet għalissa u li għandu jerġa' jiddiskutiha s-sena d-dieħla.

## 84.8 Proġett tal-Pjazza

84.8.1 Is-SE għaddiet kopja ta' pjanta tal-pjazza lill-Kunsilliera kollha liema pjanta kienu għaddewhielha l-periti sabiex tiġi approvata qabel ma jkomplu jaħdmu fuq il-BOQ's, eċċ.

84.8.2 Is-Sindku fakkar li fi ftit ġimgħat oħra, fiz-zona ta' bejn it-torri u l-Kunsill kien se jkun hemm għaddejja l-proġett tar-restawr kif ukoll dak tal-*interpretation centre*. Barra minn dan, kien se jinbeda wkoll il-proġett ta' riorganizzazzjoni tal-parkeġġ fi Triq ir-Reġimenti Maltin u t-tibdil tal-pavimentar kollu.

84.8.3 Huwa informa wkoll li fuq talba tiegħu, il-periti kienu inkludew parkeġġ u *outdoor gym* bejn il-binja tad-Depiro u Binja Santa Luċija. Huwa kompla li jekk il-Kunsill jaqbel kienet se terġa' ssir talba formali lill-Awtorità tad-Djar għal din il-biċċa art.

84.8.4 Il-Kunsill qabel mal-kunċett kollu.

## 84.9 Il-bosk tal-Imtarfa

84.9.1 Is-SE infurmat li temporanjament dan kien beda jinfetaħ u jingħalaq kuljum permezz tal-ħaddiema tal-Kunsill u voluntier. Hija suġġeriet ukoll li ssir grada b'ċavetta li tinzamm għand il-Kunsill u oħra għand l-ATC biex ikun hemm aċċess imqar min-naħa ta' wara tal-bosk. Il-Kunsill qabel u s-Sindku kien se jieħu ħsieb jibgħat kommunikazzjoni dwar dan.

84.9.2 Sadanittant infurmat li l-għada l-Ħamis u l-għada l-Ġimgħa kien se jibda t-tħammil tal-materjal tal-belveder min-naħa tal-ħaddiema tal-Ministeru tat-Trasport u Infrastruttura.

84.9.3 Infurmat ukoll li hi u s-Sindku kienu ltaqgħu mal-Periti filwaqt li hi kienet reġgħet marret fuq il-post sabiex isir il-kejl ezatt bejn il-perizja tal-Kunsill u r-rapprezentant tal-Perit Musumeci.

84.9.4 Hija infurmat li sadanittant kienet qed tistenna min-naħa tal-Perit Musumeci biex jikkonfermalha l-ammont ezatt tal-ispiza involuta li probabbilment ikun €8231.73.

## 84.10 *Military Mtarfa*

84.10.1 Is-Sindku informa li l-organizzazzjoni tal-attività kienet għaddejja ġmielha. Sadanittant għal darb'oħra kienet se tibda bżċerimonja fiċ-ċimiterju tal-Inglizi u jitla' *convoy* lejn l-Imtarfa. Huwa informa wkoll li kien qed jaħdem biex jinfetaħ ix-xelter jew parti minnu għall-ewwel darba. Fost oħrajn se jkun hemm ħafna esebizzjonijiet, waħda minnhom tal-Malta Railway Foundation. Huwa informa wkoll li l-Valletta2018 ikkonfermaw *sponsorship* ta' €2700.

## 84.11 Punti oħra

84.11.1 Is-SE infurmat li sakemm it-temp jippermetti, ix-xogħol fuq il-*culvert* ta' Triq l-Imtarfa huwa pjanat għat-8 u 9 ta' Novembru permezz ta' kuntrattur privat (approvat waqt il-laqgħa preċedenti) u ħaddiema tal-Ministeru.

Is-SE infurmat li kienet irċeviet kommunikazzjoni dwar l-iskema tal-*Car Sharing* fejn għalkemm il-Kunsill kien propona parkeġġ ħdejn l-iskola sekondarja, huma kienu qed jipproponu zewġ

84.11.2 parkeġġi faċċata ta' Triq Theuma Castelletti u ieħor quddiem l-arloġġ. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jkun hemm vettura lejn il-pjazza għall-konvenjenza tar-residenti u min jista' jkollu bzonn jiġi lejn l-Imtarfa imma qablu li għandha ssir oġġezzjoni għaz-zewġ parkeġġi l-oħra. Minflok se jerġa' jiġi propost il-parkeġġ ta' quddiem l-eks skola sekondarja.

84.11.3 Għat-talba tas-SE sabiex jinbidel id-dawl fil-librerija għal *LED lighting* għal madwar €300 minflok it-tubi bħalma hemm prezentament, il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni. Kien hemm qbil ukoll li f'dak li għandu x'jaqsam ma' tagħmir u manutenzjoni tal-uffiċċju u l-binja, is-SE għandha tmexxi mingħajr l-approvazzjoni tal-Kunsill sakemm ma tinvolvix spiza kbira, u tirraporta biss wara.

84.11.4 Is-SE infurmat li TM kienu bagħtu l-approvazzjoni għall-*Communal Parking* fi Triq it-Torri tal-Arloġġ imma kienu injoraw kompletament it-talba tal-Kunsill li jsir min-naħa tagħhom. Kien hemm qbil li s-SE għandha tagħmel talba lill-MTI.

84.11.5 Is-SE infurmat ukoll li l-Kunsill kien irċieva l-approvazzjoni għal *pelican lights* fi Triq l-Imtarfa quddiem Binja Msieraħ. Kien hemm qbil li għandha ssir talba lill-MTI ukoll.

84.11.6 Is-SE infurmat li t-Tnejn kien se jibda x-xogħol ta' zbir ta' arbuxelli u siġar fi Triq l-Istazzjon min-naħa tal-Ministeru minħabba periklu li hemm ta' ġebel li qed jaqa' għal ġot-triq.

84.11.7 Fuq talba tal-Kunsillier Bugeja kien hemm qbil li għandha terġa' tintbagħat talba oħra lill-Malta Public Transport sabiex l-X3 tibda tgħaddi mill-imtarfa.

84.11.8 Is-SE infurmat li min-naħa tal-*Community Workers Scheme* kienu għaddewlha skrivan ieħor. Min-naħa tagħhom kienu qed jitolbu li jingħata *allowance* imma għalkemm m'għandhiex oġġezzjoni, talbet li l-Kunsill jistenna sakemm ikollu l-baġit għas-sena d-dieħla għaliex skont il-kalkoli tagħha u tal-*accountant*, il-Kunsill mhux se jkun jiflaħ iħallas *allowance* fid-dawl tal-impjieg tal-*part timer* u l-promozzjoni riċenti tal-Uffiċjal Ezekuttiv. Għalkemm il-Kunsill fehem il-pozizzjoni tas-SE, kien hemm qbil li għallanqas jibda jingħata *allowance* ta' €75 fix-xahar sakemm il-Kunsill ikollu ċertezza li jkun jista' jtella' l-ammont għal €100 fix-xahar.

84.11.9 Is-SE infurmat li min-naħa tal-*co-financing board* kienu qablu li jiġu rifuzi €3,500 għall-ispejjez tal-ġemellaġġ u €590 għar-rapport tal-awditur. Il-Kunsill qabel li ladarba r-regolamenti nbidlu wara li l-Kunsill kien diġà daħħal l-applikazzjoni u għadda r-rapport tal-awditur, is-SE għandha terġa' tappella d-deċizjoni.

## 84.12 Kommunikazzjoni min-naħa tal-President tar-Reġjun Tramuntana, rapprezentant tal-Kunsill

84.12.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet ittra min-naħa tas-SE tar-Reġjun Tramuntana. Waħda minnhom kienet dwar l-iskips fil-lokalità, fejn il-Kunsill qabel li m'hemmx interess, u l-oħra kienet dwar l-*International folk festival* fejn il-Kunsill qabel li juri interess.

84.12.2 Sadanittant il-Kunsillier Mifsud informa li għaddejjin bil-laqgħat mal-kappillani fir-rigward tal-festival tal-korijiet.

## 84.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

84.13.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuza. Il-Kunsillier Bugeja proponiet l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Fenech ssekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 84.14 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

84.14.1 Il-laqgħa ntemmet fid-9:00pm u ġiet aġġornata għall-Hamis 22 ta' Novembru fis-7:15pm.

Konfermati, illum il-Ħamis 22 ta' Novembru 2018.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Daniel John Attard | Josette Micallef |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |